ISTRUZZJONIJIET PRATTIĊI LILL-PARTIJIET FUQ IL-PROĊEDURA ĠUDIZZJARJA QUDDIEM IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

tal-11 ta' Lulju 2012

Werrej

I. DEFINIZZJONIJIET 6

II. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IL-PREŻENTATA U N-NOTIFIKA TAL-ATTI PROĊEDURALI 7

A. It-trażmissjoni elettronika permezz tal-applikazzjoni e-Curia 7

B. It-trażmissjoni fil-forma ta' dokument stampat 7

III. FUQ IL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB 7

A. Ir-rikors 7

1. Il-preżentata tar-rikors 7

2. Informazzjoni obbligatorja u r-regoli dwar il-preżentata tar-rikors 8

3. Ir-regolarizzazzjoni tar-rikors 9

4. Miżuri provviżorji / Proċedura għal miżuri provviżorji 10

B. Risposta u atti proċedurali oħra relatati mal-proċedura bil-miktub 10

C. Fuq it-trażmissjoni ta' oriġinal fil-forma ta' dokument stampat wara t-trażmissjoni ta' faks 10

D. Fuq it-talbiet għal trattament kunfidenzjali 10

E. Fuq it-talbiet għal għajnuna legali 11

IV. FUQ IL-PROĊEDURA ORALI 11

A. Post 11

B. Preparazzjoni għas-seduta 11

C. L-iżvolġiment tas-seduta 11

D. Karatteristiċi partikolari tal-interpretazzjoni simultanja 12

E. Ftehim bonarju 12

F. Għeluq tas-seduta 12

V. DĦUL FIS-SEĦĦ TA' DAWN L-ISTRUZZJONIJIET 12

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu;

wara li kkunsidra li, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, jeħtieġ li r-rappreżentanti tal-partijiet jingħataw istruzzjonijiet prattiċi dwar il-mod kif għandhom jippreżentaw l-atti proċedurali tagħhom u sabiex jiġi ggarantit l-iżvolġiment tajjeb tas-seduta;

wara li kkunsidra li l-osservanza ta' dawn l-istruzzjonijiet tnaqqas in-numru ta' talbiet għal regolarizzazzjoni u r-riskji ta' inammissibbiltà marbuta mal-inosservanza tar-regoli formali;

wara li kkunsidra li l-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku hija kkaratterizzata mill-fatt li hija suġġetta għal sistema lingwistika xierqa għal Unjoni multilingwi;

wara li kkunsidra li huwa fl-interess tal-partijiet fil-kawżi li jitressqu quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li dan jagħti tweġibiet preċiżi għall-mistoqsijiet li dwarhom ir-rappreżentanti tal-partijiet ta' spiss ikunu jixtiequ iktar informazzjoni, u jqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom għodda li jiggwidawhom fir-redazzjoni tajba tal-atti proċedurali tagħhom;

wara li kkunsidra li, fl-interess tal-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, il-partijiet ikkonċernati għandhom jingħataw istruzzjonijiet prattiċi dwar it-tressiq tat-talbiet għal għajnuna legali kif ukoll dwar l-iżvolġiment tal-proċedura orali;

IDDEĊIEDA LI JADOTTA DAWN L-ISTRUZZJONIJIET PRATTIĊI:

I. DEFINIZZJONIJIET

1. Id-definizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regoli tal-Proċedura japplikaw bl-istess mod għal dawn l-istruzzjonijiet.

II. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IL-PREŻENTATA U N-NOTIFIKA TAL-ATTI PROĊEDURALI

2. Il-preżentata u n-notifika (trażmissjoni) tal-atti proċedurali bejn il-partijiet u t-Tribunal jistgħu jsiru:

— b'mod esklużvament elettroniku permezz tal-applikazzjoni e-Curia, jew

— bi trażmissjoni ta' dokument stampat.

A. **It-trażmissjoni elettronika permezz tal-applikazzjoni e-Curia**

3. It-trażmissjoni elettronika permezz tal-applikazzjoni e-Curia hija kkaratterizzata:

a) mill-ħolqien ta' kont personali li jagħti aċċess u li għalih ir-rappreżentanti tal-partijiet jista' jkollhom aċċess permezz ta' isem ta' utent u ta' password;

b) mill-assenza ta' kwalunkwe trażmissjoni tal-atti proċedurali u tal-annessi tagħhom mill-partijiet fil-forma ta' dokumenti stampati; dokument jitqies li huwa l-oriġinal jekk jasal fit-Tribunal b'dan il-mod, mingħajr ma tkun meħtieġa l-firma bil-miktub tar-rappreżentanti u mingħajr ma jkun meħtieġ li jintbagħtu kopji awtentiċi;

c) min-notifika tal-atti proċedurali tal-partijiet l-oħra kif ukoll tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal u ta' kull korrispondenza oħra permezz ta' dan il-mod; in-notifika sseħħ meta jkun hemm aċċess għal dan l-att permezz tal-applikazzjoni jew, jekk ma jkunx hemm tali aċċess, in-notifika titqies li saret meta jgħaddi s-seba' jum wara dak li fih tintbagħat l-ittra elettronika ta' avviż;

d) ir-regoli applikabbli huma ddefiniti fid-deċiżjoni tat-Tribunal, adottata skont l-Artikolu 34(7) tar-Regoli tal-Proċedura, tal-20 ta' Settembru 2011, dwar il-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠU C 289, p. 11) kif ukoll fil-Kundizzjonijiet tal-użu tal-applikazzjoni e-Curia u fil-Gwida għall-użu ta' e-Curia, li tippreċiża wkoll l-mod kif għandha tintuża l-għajnuna disponibbli (dawn id-dokumenti kollha huma disponibbli fuq is-sit www.curia.europa.eu).

B. **It-trażmissjoni fil-forma ta' dokument stampat**

4. It-trażmissjoni fil-forma ta' dokument stampat timplika:

a) il-ħtieġa li jiġu ppreżentati f'forma ta' dokumenti stampati l-atti proċedurali kollha u l-annessi tagħhom, debitament iffirmati mir-rikorrent; kull att proċedurali kif ukoll l-annessi tiegħu għandhom jiġu ppreżentati flimkien ma' seba' settijiet ta' kopji awtentikati; għall-finijiet tal-osservanza ta' terminu, it-trażmissjoni fil-forma ta' dokument stampat tista' ssir wara trażmissjoni permezz ta' faks li tittieħed inkunsiderazzjoni meta l-oriġinal fil-forma ta' dokument stampat jasal fit-Tribunal fi żmien għaxart ijiem mit-trażmissjoni tal-faks (ara l-punti 36 *et seq* ta' dawn l-Istruzzjonijiet);

b) in-notifika tal-atti proċedurali tal-partijiet l-oħra kif ukoll tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal u ta' kull korrispondenza bejn ir-Reġistru u l-partijiet permezz tal-mod ta' notifika magħżul: permezz ta' ittra postali rreġistrata b'dikjarazzjoni ta' rċevuta (f'dan il-każ in-notifika titqies li saret permezz tal-preżentata tal-ittra rreġistrata fil-posta tal-Lussemburgu), permezz ta' faks jew permezz tal-applikazzjoni e-Curia.

III. FUQ IL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

A. **Ir-rikors**

1. *Il-preżentata tar-rikors*

5. Kull rikors għandu jiġi indirizzat lir-**Reġistru** tat-Tribunal. Ir-rikors għandu josserva d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tar-Regoli tal-Proċedura.

6. L-**informazzjoni** li għandha tidher fir-rikors kif ukoll id-dokumenti li għandhom jiġu annessi miegħu huma msemmija fl-Artikolu 35(1), (2), (3) u (5) tar-Regoli tal-Proċedura.

7. L-Artikolu 35(5) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 39(1) tar-Regoli tal-Proċedura jirrigwardaw id-dokument li għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru mill-**avukat** tar-rikorrent u mill-avukat li eventwalment jassisti l-aġent tal-konvenut. Qed jiġi mfakkar li l-prinċipju ta' rappreżentanza obbligatorja quddiem it-Tribunal huwa impost mill-Artikolu 19 tal-Istatut. Bl-eċċezzjoni tal-Istati Membri u ta' Stati oħra li huma parti mill-Ftehim ŻEE (in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein) kif ukoll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li huma rrappreżentati mill-aġenti tagħhom, il-partijiet għandhom għaldaqstant ikunu rrappreżentati minn avukat awtorizzat li jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim ŻEE. Barra minn hekk, ir-rappreżentazzjoni obbligatorja minn avukat ma tapplikax għall-proċedura intiża li jinkiseb il-benefiċċju tal-għajnuna legali mingħajr ħlas (ara f'dan ir-rigward il-Kapitolu E tat-Titolu III ta' dawn l-Istruzzjonijiet).

8. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm ebda mandat bil-miktub, mogħti mir-rikorrent lill-avukat responsabbli li jirrappreżentah, ma huwa meħtieġ mal-preżentata tar-rikors, kull **bidla** dwar in-numru u l-identità tal-avukat(i) (eż., is-sostituzzjoni ta' avukat b'ieħor, il-preżenza ta' avukat supplementari, l-irtirar tal-mandat mogħti lil wieħed mill-avukati li kienu ppreżentaw ir-rikors) għandha tiġi kkomunikata minnufih lir-Reġistru bil-miktub. Fil-każ li avukat jiġi sostitwit b'ieħor, huwa meħtieġ mandat bil-miktub tal-avukat il-ġdid.

9. L-**avukat** tar-rikorrent għandu jindika b'mod ċar fuq l-ewwel paġna tar-rikors l-**indirizz** tiegħu, l-**isem tal-uffiċċju tiegħu**, jekk ikun il-każ, in-numri tat-telefon u tal-faks tiegħu kif ukoll l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu. Bidliet sussegwenti ta' din l-informazzjoni għandhom jiġu kkomunikati minnufih lit-Tribunal. F'ebda każ ma huwa permess li l-indirizz għan-notifika jkun l-indirizz tar-rikorrent stess.

10. Ma huwiex meħtieġ li rikors ippreżentat permezz tal-applikazzjoni e-Curia jkollu **firma** bil-miktub. Għall-kuntrarju, fil-każ ta' rikors ippreżentat fil-forma ta' dokument stampat, il-firma bil-miktub tal-avukat għandha tidher b'mod li tkun tista' tinqara fl-aħħar tar-rikors. L-assenza ta' firma ma tistax tiġi rregolarizzata. Ma hija aċċettata ebda riproduzzjoni, bħal timbru, firma skannjata, fotokopja eċċ. Fil-każ ta' numru ta' rappreżentanti, il-firma ta' wieħed minnhom hija biżżejjed. Il-firma b'awtorizzazzjoni ta' persuna oħra li ma tkunx ir-rappreżentant(i) tar-rikorrent ma hijiex ammessa, u dan lanqas fil-każ fejn dan il-firmatarju jkun kollaboratur tal-uffiċċju li jagħmlu parti minnu r-rappreżentanti.

2. *Informazzjoni obbligatorja u r-regoli dwar il-preżentata tar-rikors*

11. Il-**lingwa tal-kawża** hija dik li tkun intgħażlet għar-redazzjoni tar-rikors skont l-Artikolu 29 tar-Regoli tal-Proċedura, li jirreferi, għal dak li jirrigwarda s-sistema lingwistika, għall-Artikolu 35 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

12. Fl-interess kemm tal-partijiet stess kif ukoll tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, l-atti proċedurali għandhom ikunu kemm jista' jkun konċiżi fid-dawl tan-natura tal-fatti u tal-kumplessità tal-punti mqajma. B'hekk, bħala regola ġenerali, rikors ma għandux ikun ta' iktar minn **30 paġna** (karta A4, tipa 12 fi stil ekwivalenti għal "Times New Roman", bi spazju ta' 1.5 bejn il-linji u b'marġni ta' mill-inqas 2.5cm), skont il-karatteristiċi partikolari tal-kawża. Tista' tingħata awtorizzazzjoni sabiex dawn il-limiti jinqabżu biss f'każijiet partikolarment kumplessi fid-dritt jew fil-fatt.

13. It-**talbiet** tar-rikors għandhom jiġu fformulati bi preċiżjoni, fil-bidu jew fit-tmiem tar-rikors, u għandhom ikunu nnumerati.

14. Il-**paragrafi** tat-test għandhom ikunu nnumerati b'mod kontinwu.

15. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu sussegwenti mit-Tribunal, fil-każ li n-**numru tar-rikorrenti** jkun ta' **10 jew iktar**, lista li tinkludi l-ismijiet u l-indirizzi kollha, prodotta permezz ta' softwer għall-ipproċessar ta' kliem, għandha tiġi annessa mar-rikors u għandha tintbagħat flimkien mar-rikors lir-Reġistru bil-posta elettronika fl-indirizz tfp.greffe@curia.europa.eu, b'indikazzjoni ċara tal-kawża li għaliha tirreferi l-lista.

16. Kull rikors għandu jkollu miegħu **sunt** tal-kawża, intiż li jiffaċilita r-redazzjoni tal-avviż previst fl-Artikolu 37(2) tar-Regoli tal-Proċedura, li jiġi ppreparat mir-Reġistru. Dan issunt għandu jiġi prodott b'mod separat mill-annessi msemmija fit-test tar-rikors. Is-sunt, li għandu jkun inkluż f'dokument prodott b'softwer għall-ipproċessar ta' kliem, ma għandux ikun itwal minn żewġ paġni u għandu jintbagħat ukoll bil-posta elettronika lill-indirizz tfp.greffe@curia.europa.eu, b'indikazzjoni ċara tal-kawża li għaliha jirreferi. Is-sunt ser ikun disponibbli, bħala reġola ġenerali kollu kemm hu, f'paġna speċjali tas-sit www.curia.europa.eu, sabiex jippermetti lil kull persuna kkonċernata twettaq ir-riċerki. Għal dan il-għan, is-sunt tal-kawża għandu josserva ċerti rekwiżiti stilistiċi li huma indikati fil-paġna inkwistjoni tal-imsemmi sit.

17. Kull talba li, fuq il-bażi tal-Artikolu 44(4) tar-Regoli tal-Proċedura, tkun intiża li jitħallew barra, fil-pubblikazzjonijiet dwar il-kawża, l-isem tar-rikorrent (**anonimat**), l-ismijiet ta' persuni oħra, jew ċerta informazzjoni, għandha titressaq b'att separat u għandha tiġi debitament motivata.

18. Jekk ir-rikors jiġi ppreżentat wara l-preżentata ta' talba għal **għajnuna legali** (ara l-Kapitolu E tat-Titolu III ta' dawn l-Istruzzjonijiet), liema talba għandha l-effett li tissospendi t-terminu għall-preżentata tar-rikors skont l-Artikolu 97(4) tar-Regoli tal-Proċedura, din l-informazzjoni għandha tiġi indikata fil-bidu tar-rikors. Jekk ir-rikors jiġi ppreżentat wara n-notifika tad-digriet li jiddeċiedi dwar talba għal għajnuna legali, fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data li fiha d-digriet ikun ġie nnotifikat lir-rikorrent.

19. Ir-rikors ippreżentat permezz tal-applikazzjoni e-Curia għandu jiġi ppreżentat fil-forma ta' fajls. Sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar ta' dan ir-rikors mir-Reġistru, huwa rrakkomandat li tiġi segwita l-gwida prattika fformulata fil-Gwida għall-użu ta' e-Curia [ara l-punt 3(d) ta' dawn l-Istruzzjonijiet], jiġifieri:

    a) il-fajls għandhom jinkludu l-ismijiet li jidentifikaw l-att (rikors, annessi parti 1, annessi parti 2, ittra ta' introduzzjoni, etc);

    b) it-test tar-rikors jista' jitqiegħed direttament f'format PDF (immaġni u test) bl-użu tas-softwer għall-ipproċessar ta' kliem, mingħajr ma jkun meħieġ li jiġi ddiġitalizzat.

20. Kull rikors ippreżentat fil-forma ta' dokument stampat għandu jiġi ppreżentat b'mod li jippermetti l-amministrazzjoni elettronika tad-dokumenti mit-Tribunal, b'mod partikolari, li jiġu **ddiġitalizzati** d-dokumenti u li jiġu rrikonoxxuti l-karattri. B'hekk, minbarra r-rekwiżiti deskritti fil-punt 12 ta' dawn l-Istruzzjonijiet, għandhom jiġu osservati r-rekwiżiti segwenti:

    a) it-test għandu jkun jista' jinqara' faċilment u jidher biss f'naħa waħda tal-paġna ("*recto*" u mhux "*recto verso*");

    b) id-dokumenti ma għandhomx ikollhom legatura jew metodi oħra sabiex jingħabru (bħal kolla, stejpils, eċċ);

21. Il-paġni tar-rikors u tal-annessi għandom ikunu, barra minn hekk, **innumerati**, fin-naħa ta' fuq fil-lemin, **b'mod kontinwu**, annessi u paġni diviżuri eventwalment inklużi.

22. Ir-rikors u l-eventwali annessi kollha tiegħu li jkunu ppreżentati fil-forma ta' dokumenti stampati għandhom, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(1) tar-Regoli tal-Proċedura, bħal fil-każ tal-atti proċedurali l-oħra kollha, jiġu ppreżentati flimkien ma' ħames **kopji** fiżiċi għat-Tribunal u b'numru ta' kopji daqs in-numru ta' partijiet fil-kawża (għalhekk, normalment, **seba'** kopji fiżiċi). Fl-ewwel paġna ta' kull sett ta' kopji, l-avukat għandu jikteb l-indikazzjoni, iffirmata jew inizjalata minnu, li tiċċertifika li l-**kopji huma konformi** mal-oriġinali.

23. Għal dak li jikkonċerna l-**annessi**, il-partijiet għandhom iwettqu għażla rigoruża tad-dokumenti rilevanti għall-ħtiġijiet tal-kawża fid-dawl tal-limiti materjali u lingwistiċi li t-Tribunal u l-partijiet ikollhom jiffaċċaw. B'mod partikolari, l-informazzjoni li għaliha t-Tribunal jista' jkollu aċċess (eż., il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea, iċċitata fl-atti proċedurali) ma għandhiex tiġi prodotta. Ir-rekwiżiti formali segwenti għandhom jiġu osservati:

a) l-annessi għandhom ikunu nnumerati, għandhom jinkludu referenza għan-nota li magħha huma annessi (għar-rikors, eż., "A.1, A.2" eċc.; għar-risposta "B.1, B.2"; għar-replika "C.1, C.2"; għall-kontroreplika "D.1, D.2") u għandhom preferibbilment jiġu ppreżentati, meta jkunu iktar minn tlieta, b'paġni diviżuri;

b) l-annessi għandhom ikunu jistgħu jinqraw faċilment; anness li l-istampar tiegħu ma jkunx ta' kwalità tajba ma jiġix aċċettat;

c) l-annessi għandhom ikunu fformulati fil-lingwa tal-kawża jew għandhom ikollhom magħhom traduzzjoni; l-annessi li ma josservawx dawn il-kriterji, bħala regola ġenerali, ma jistgħux jiġu aċċettati [ara l-Artikolu 29 tar-Regoli tal-Proċedura, li jirreferi, għal dak li jirrigwarda s-sistema lingwistika, għall-Artikolu 35(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea]. Skont l-Artikolu 8(5) tal-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur, ma huwiex possibbli li ssir eċċezzjoni għal din ir-regola ħlief f'każijiet debitament ġustifikati;

d) l-annessi għandhom jiġu introdotti permezz ta' skeda li telenka l-annessi, li għandha tinkludi, għal kull wieħed minnhom, in-numru tiegħu (eż., A.1), deskrizzjoni tan-natura tiegħu (eż., "ittra ta' [data] tas-Sur X lis-Sinjura Z"), l-indikazzjoni tal-paġna u tal-paragrafu tar-rikors li fih dan l-anness jissemma (eż., "p. 7, § 17"), in-numru ta' paġni tiegħu, u r-referenza għall-impaġnar kontinwu li fih jibda l-anness; eżempju tan-nota tal-annessi jidher fil-"Mudell ta' Rikors", disponibbli fis-sit www.curia.europa.eu;

e) l-annessi ta' rikors ippreżentat permezz tal-applikazzjoni e-Curia għandhom jitqiegħdu ġewwa fajl jew ġewwa fajls separati mill-fajl li jkun fih ir-rikors. Fajl jista' jkun fih, bħala regola ġenerali, l-annessi kollha. Ma huwiex mixtieq li jinħoloq fajl għal kull anness;

f) l-annessi ta' rikors ippreżentat permezz tal-applikazzjoni e-Curia, imsemmija fit-test ta' dan ir-rikors, li minħabba n-natura tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu ppreżentati permezz tal-applikazzjoni e-Curia, jistgħu jiġu trażmessi fiżikament b'mod separat skont l-Artikolu 34(1) tar-Regoli tal-Proċedura bil-kundizzjoni li jissemmew fl-iskeda li telenka l-annessi ta' dan ir-rikors ippreżentat permezz tal-applikazzjoni e-Curia. L-iskeda li telenka l-annessi għandha tidentifika dawk l-annessi li jkunu ser jiġu ppreżentati separatament. Dawn l-annessi għandhom jaslu fir-Reġistru sa mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara l-preżentata tar-rikors ippreżentat permezz tal-applikazzjoni e-Curia.

3. *Ir-regolarizzazzjoni tar-rikors*

24. Sabiex tingħata l-possibbiltà lill-partijiet li jirranġaw irregolaritajiet formali li jinsabu f'rikors, f'ċerti każijiet tintalab **regolarizzazzjoni**. Skont l-Artikolu 36 tar-Regoli tal-Proċedura u l-Artikolu 8(1) tal-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur, **dejjem tintalab** regolarizzazzjoni mir-Reġistratur meta l-elementi segwenti jkunu nieqsa, nuqqas li jista' jwassal għaċ-ċaħda tar-rikors minħabba inammissibbiltà:

— l-indikazzjoni tal-isem u l-indirizz tar-rikorrent [Artikolu 35(1)(a) tar-Regoli tal-Proċedura];

— l-indikazzjoni tal-kwalità u l-indirizz tal-avukat li jirrappreżenta lir-rikorrent [Artikolu 35(1)(b) tar-Regoli tal-Proċedura];

— l-identifikazzjoni tal-parti li kontriha jkun qiegħed jiġi ppreżentat ir-rikors [Artikolu 35(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura];

— il-produzzjoni tal-**att li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu**, tal-**ilment** fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") u tad-deċiżjoni bi **tweġiba għall-ilment** b'indikazzjoni tad-dati tat-tressiq tal-ilment u tan-notifika tad-deċiżjoni [Artikolu 35(2) tar-Regolamenti tal-Persunal]; fin-nuqqas tal-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti, ir-rikorrent huwa meħtieġ jispjega b'mod ċar għalfejn ma ġewx prodotti (eż., il-fatt li l-amministrazzjoni ma weġbitx għall-ilment fit-termini previsti fir-Regolamenti tal-Persunal);

— il-produzzjoni tad-dokument li jiċċertifika li l-avukat huwa awtorizzat jipprattika quddiem qorti [Artikolu 35(5) tar-Regolamenti tal-Persunal].

25. Skont l-Artikolu 8(1) tal-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur, regolarizzazzjoni **tista' tintalab ukoll**, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, meta rikors ma jkunx konformi ma' dawn l-Istruzzjonijiet prattiċi.

26. Ir-Reġistratur għandu jistabbilixxi terminu għar-rikorrent għall-finijiet tar-regolarizzazzjoni, skont l-Artikolu 36 tar-Regoli tal-Proċedura.

27. Fil-każijiet previsti fil-punt 24 iktar 'il fuq, ir-rikors **ma jiġix innotifikat** lill-konvenut. Meta r-regolarizzazzjoni ssehħ fit-terminu previst, il-proċedura tiżvolġi normalment. Fin-nuqqas ta' regolarizzazzjoni, it-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tar-rikors.

28. Fil-każijiet previsti fil-punt 25 iktar 'il fuq, ir-Reġistratur għandu jiddeċiedi jekk in-notifika **għandhiex tiġi sospiża jew le**. Fin-nuqqas ta' regolarizzazzjoni jew fil-każ ta' kontestazzjoni, ir-Reġistratur għandu jitlob lill-President, skont l-Artikolu 8(7) tal-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur, sabiex tittieħed deċiżjoni.

4. *Miżuri provviżorji / Proċeduri għal miżuri provviżorji*

29. Kull talba għas-sospenjoni tal-eżekuzzjoni tal-att ikkontestat u għal **miżuri provviżorji** oħra permezz ta' **proċedura għal miżuri provviżorji** għandha titressaq b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura.

B. **Risposta u atti proċedurali oħra relatati mal-proċedura bil-miktub**

30. L-ispjegazzjonijiet u l-pariri mogħtija fir-rigward tar-rikorsi fil-Kapitolu A ta' dan it-titolu huma **validi *mutatis mutandis*** għall-atti proċedurali l-oħra indirizzati lit-Tribunal.

31. L-indikazzjonijiet li għandhom jidhru fir-**risposta** huma msemmija fl-Artikolu 39(1) tar-Regoli tal-Proċedura. Is-setgħa(t) li l-istituzzjoni konvenuta tagħti lill-aġent(i) tagħha u/jew eventwalment lil avukat, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mar-risposta, iżda separatament mill-annessi eventwali.

32. In-numru ta' paġni ta' **risposta** għandu josserva l-istess limitu bħal dak stabbilit għar-rikors, jiġifieri, bħala regola ġenerali, **30 paġna**; l-atti proċedurali l-oħra għandhom ikunu inqas minn **15-il paġna**. Ir-rekwiżiti deskritti fil-punt 12 ta' dawn l-Istruzzjonijiet huma applikabbli.

33. Sakemm dawn it-testi ma jkunux diġà jinsabu fl-inkartament tal-kawża, l-istituzzjonijiet għandhom jannettu sistematikament mar-risposta l-**atti ta' portata ġenerali** ċċitati fl-osservazzjonijiet tagħhom li ma jkunux is-suġġett ta' pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

34. Barra minn hekk, l-**indikazzjonijiet** segwenti għandhom jidhru fuq l-ewwel paġna ta' kull att proċedurali:

a) l-isem tal-att (risposta, replika, kontroreplika, talba għal intervent, nota ta' intervent, eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, osservazzjonijiet dwar …, tweġibiet għal mistoqsijiet, eċċ.);

b) in-numru tal-kawża (F-…/…) sa fejn dan ikun diġà ġie kkomunikat mir-Reġistru.

35. Ir-regoli msemmija fil-Kapitolu A ta' dan it-titolu, li jirregolaw il-każijiet fejn ir-**regolarizzazzjoni** tar-rikors tintalab jew tkun tista' tintalab, huma applikabbli *mutatis mutandis* għar-risposta u għall-atti proċedurali l-oħra

C. **Fuq it-trażmissjoni ta' oriġinal fil-forma ta' dokument stampat wara t-trażmissjoni ta' faks**

36. L-**oriġinal** ta' kull att proċedurali, u b'mod ġenerali l-korrispondenza kollha indirizzata lit-Tribunal, inklużi t-talbiet għall-proroga ta' termini, li ma jkunx trażmess lit-Tribunal permezz tal-applikazzjoni e-Curia, għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru fil-forma ta' dokument stampat.

Sabiex jiġu osservati t-termini proċedurali, kopja ta' dokument tista' tintbagħat lir-Reġistru tat-Tribunal permezz ta' faks (numru tal-faks: +352 4303-4453) qabel il-preżentata tal-oriġinal ta' dan l-att [possibbiltà mogħtija mill-Artikolu 34(6) tar-Regoli tal-Proċedura].

F'dan il-każ, fuq l-ewwel paġna tal-oriġinal għandu jiġi indikat "trażmissjoni preċedenti permezz ta' faks fil-[data]" sabiex id-dokumenti korrispondenti jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment.

37. Inkonformità mal-Artikolu 34(6) tar-Regoli tal-Proċedura, meta att proċedurali jkun jinkludi **annessi**, il-kopja mibgħuta lit-Tribunal permezz ta' faks tista' tkun tinkludi biss l-att innifsu u l-iskeda li telenka l-annessi.

38. Għall-finijiet tal-**osservanza tat-termini proċedurali**, il-preżentata ta' nota jew ta' att proċedurali permezz ta' faks tkun valida biss jekk l-oriġinal iffirmat jasal fir-Reġistru sa mhux iktar tard mit-terminu, previst fl-Artikolu 34(6) tar-Regoli tal-Proċedura, ta' għaxart ijiem wara din il-preżentata. Għandu jitfakkar li t-terminu għal raġunijiet ta' distanza ta' għaxart ijiem previst fl-Artikolu 100(3) tar-Regoli tal-Proċedura ma japplikax għal dan it-terminu.

39. L-**oriġinal** iffirmat ta' kull att proċedurali għandu jintbagħat minnufih, immedjatament wara t-trażmissjoni permezz ta' faks, mingħajr ma jsirulu korrezzjonijiet jew emendi. Fil-każ ta' diverġenza bejn l-oriġinal iffirmat u l-kopja ppreżentata qabel, hija biss id-data tal-preżentata tal-oriġinal iffirmat li titqiegħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-osservanza tat-termini proċedurali.

D. **Fuq it-talbiet għal trattament kunfidenzjali**

40. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44(2) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura, it-Tribunal għandu jieħu inkunsiderazzjoni biss id-dokumenti li r-rappreżentanti tal-partijiet ikunu setgħu **jikkonsultaw** u li fuqhom ikunu setgħu jesprimu ruħhom [Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura].

41. Madankollu, parti tista' titlob li ċerti siltiet mill-inkartament li jkunu ta' natura **sigrieta jew kunfidenzjali:**

— ma jkunux aċċessibbli għal parti f'kawża magħquda [Artikolu 46(3) tar-Regoli tal-Proċedura];

— jiġu eskluži mill-komunikazzjoni lil intervenjenti [Artikolu 110(2) tar-Regoli tal-Proċedura).

42. Kull talba għal trattament kunfidenzjali skont l-Artikolu 46(3) jew skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli tal-Proċedura għandha titressaq **permezz ta' att separat**.

43. Tali talba għandha tkun preċiża u t-trattament kunfidenzjali għandu jkun **limitat** għal dak li jkun strettament neċessarju. Din f'ebda każ ma tista' tkopri l-atti proċedurali kollha u huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li tista' tkopri anness kollu.

44. Talba għal trattament kunfidenzjali għandha tindika **b'mod preċiż** l-elementi jew is-siltiet ikkonċernati u għandha tinkludi motivazzjoni fil-qosor tan-natura sigrieta jew kunfidenzjali ta' kull wieħed jew waħda minn dawn l-elementi jew siltiet.

45. Mat-talba għal trattament kunfidenzjali għandha tkun annessa **verżjoni mhux kunfidenzjali** tan-nota jew tal-att proċedurali inkwistjoni li fiha jkunu tħallew barra l-elementi jew is-siltiet li għalihom tirreferi t-talba. Jekk it-talba tkun tikkonċerna biss anness ta' att proċedurali, dan l-att għandu jiġi anness kollu kemm hu mat-talba għal kunfidenzjalità. Fil-każ ta' preżentata permezz tal-applikazzjoni e-Curia, l-anness li jkun is-suġġett ta' talba għal kunfidenzjalità għandu jintbagħat f'fajl separat.

E. **Fuq it-talbiet għal għajnuna legali**

46. Skont l-Artikoli 95 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura, għajnuna legali tista' tingħata sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja. Bla ħsara għall-Artikolu 19 tal-Istatut, u inkonformità mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ma huwiex meħtieġ li tali talba titressaq permezz ta' avukat.

47. L-użu tal-formola annessa ma' dawn l-Istruzzjonijiet prattiċi huwa obbligatorju sabiex titressaq talba għal għajnuna legali. Talba għal għajnuna legali mressqa b'mezz ieħor u mhux bil-formola ma tittieħidx inkunsiderazzjoni; din twassal għal risposta mir-Reġistratur fejn titfakkar in-natura obbligatorja tal-użu tal-formola, li r-Reġistratur jehmeż f'anness mar-risposta tiegħu. Il-formola hija aċċessibbli fis-sit www.curia.europa.eu.

48. Il-formola, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn, għandha tkun debitament mimlija u ffirmata minn min jagħmel it-talba jew mill-avukat tiegħu. Madankollu, fil-każ li t-talba titressaq permezz tal-applikazzjoni e-Curia mill-avukat ta' min jagħmel it-talba, il-firma tal-avukat ma hijiex meħtieġa.

49. Huwa biss l-avukat li jirrappreżenta lill-parti li titlob l-għajnuna legali li jista' jressaq it-talba għal għajnuna legali permezz tal-applikazzjoni e-Curia.

IV. FUQ IL-PROĊEDURA ORALI

A. **Post**

50. Il-**konvokazzjoni** għas-seduta pubblika għandha tindika dejjem id-data, is-siegħa, il-post u l-awla fejn tkun ser tinżamm. Jekk il-preżenza ta' **interpreti** għas-seduta kollha jew għal ċerti ħtiġijiet titqies li hija indispensabbli minn parti għal raġunijiet partikolari (eż., jekk it-Tribunal ikun ordna d-dehra personali ta' parti li ma tkunx tista' tesprimi ruħha fil-lingwa tal-kawża), talba motivata f'dan is-sens għandha ssir lit-Tribunal hekk kif tiġi riċevuta l-konvokazzjoni għas-seduta sabiex ikunu jistgħu jiġu organizzati malajr kemm jista' jkun bidla eventwali fl-awla jew il-preżenza ta' interpreti.

51. Fuq is-sit www.curia.europa.eu wieħed jista' jsib **mappa tal-bini** tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-parkeġġi aċċessibbli.

52. L-aċċess għall-bini huwa ssorveljat minħabba **sigurtà**. Il-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom huma mistiedna jippreżentaw il-kartà ta' identità tagħhom, il-passaport tagħhom, karta professjonali jew kull dokument ieħor li jkun jinkludi ritratt. Huwa għaldaqstant irrakkomandat li wieħed jasal suffiċjentement qabel il-ħin.

B. **Preparazzjoni għas-seduta**

53. Ir-rappreżentanti tal-partijiet jiġu **kkonvokati** għas-seduta mir-Reġistru numru ta' ġimgħat qabel ma tkun ser tinżamm. Talbiet għad-differiment ta' data ta' seduta jintlaqgħu biss f'ċirkustanzi verament eċċezzjonali. Tali talbiet għandhom jiġu debitament motivati fir-rigward tar-rappreżentanti kollha tal-parti, għandhom jintbagħtu flimkien ma' dokumenti ta' sostenn adegwati u għandhom jintbagħtu lit-Tribunal malajr kemm jista' jkun.

54. Fi żmien adegwat qabel is-seduta, il-partijiet jirċievu **rapport preparatorju għas-seduta** li jkun redatt mill-Imħallef Relatur. F'dan ir-rapport normalment jiġu indikati s-suġġett tal-kawża, it-talbiet tal-partijiet, l-aspetti li fuqhom il-partijiet huma mistiedna jikkonċentraw is-sottomissjonijiet orali tagħhom, il-punti ta' fatt u ta' liġi li jkun meħtieġ li jiġu analizzati fid-dettall, eċċ., kif ukoll indikazzjonijiet dwar it-tul tas-sottomissjonijiet orali introduttivi tar-rappreżentanti tal-partijiet; it-Tribunal jista' jindika wkoll l-intenzjoni tiegħu li jeżamina l-possibbiltajiet ta' ftehim bonarju għat-tilwima matul is-seduta.

55. Jekk ir-rappreżentant ta' parti jkollu l-intenzjoni li ma jattendix għas-seduta, dan huwa mitlub li jinforma lit-Tribunal malajr kemm jista' jkun. F'dan il-każ, is-seduta tinżamm fl-**assenza** tiegħu. Dan jgħodd ukoll meta t-Tribunal jikkonstata l-assenza ta' parti matul is-seduta mingħajr ma jkun ġie debitament informat minn qabel dwar dan.

56. Jekk ir-rappreżentant ta' parti jkollu l-intenzjoni li **jiġi rrappreżentat** minn persuna awtorizzata oħra li ma kinitx inizjalment imqabbda mill-klijent tiegħu, huwa għandu jinforma b'dan lit-Tribunal malajr kemm jista' jkun u għandu jiżgura li qabel is-seduta jiġi ppreżentat **mandat** bil-miktub għal din il-persuna ffirmat mill-klijent kif ukoll, jekk ikun il-każ, ċertifikat ta' iskrizzjoni tal-avukat jew tal-konsulent li jkun qiegħed jissostitwixxih.

C. **L-iżvolġiment tas-seduta**

57. Ir-rappreżentanti tal-partijiet għandhom jagħmlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom libsin it-**toga**. It-Tribunal dejjem ikollu xi togi fil-każ ta' bżonn; wieħed għandu jikkuntattja lill-Marixxal inkarigat għas-seduta f'dan ir-rigward.

58. Ftit minuti **qabel** tibda s-seduta, ir-rappreżentanti tal-partijiet jittieħdu mill-Marixxal inkarigat għas-seduta fil-kamra li tinsab fuq wara tal-awla fejn jintlaqgħu mill-Imħallfin tal-kulleġġ ġudikanti sabiex jiġi organizzat l-iżvolġiment tas-seduta.

59. Wieħed għandu jqum bil-wieqfa meta l-Membri tat-Tribunal jidħlu fl-awla. Is-seduta mbagħad **tibda** bis-sejħa tal-kawża mir-Reġistratur.

60. Peress li l-Imħallfin ikollhom diġà konoxxenza tal-osservazzjonijiet bil-miktub, ir-rappreżentanti tal-partijiet huma mitluba sabiex fis-sottomissjonijiet orali tagħhom ma jirrepetux il-kontenut tal-atti proċedurali skambjati iżda huma mitluba **jikkonċentraw** fuq il-punti mqajma fir-rapport preparatorju għas-seduta u jwieġbu għall-mistoqsijiet tal-Imħallfin. Dan jgħodd ukoll, jekk ikun il-każ, għall-partijiet stess fl-eventwalità li t-Tribunal jistedinhom jitkellmu huma stess. Sa fejn l-iskop tas-seduta huwa li jiġu ċċarati l-punti

ta' liġi u ta' fatt neċessarji sabiex tiġi deċiża l-kawża, is-seduta għandha tiżvolġi fil-forma ta' djalogu bejn l-Imħallfin u l-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom.

61. Fi kwalunkwe każ, ir-rappreżentanti tal-partijiet għandhom il-possibbiltà li jippreżentaw **sottomissjoni orali introduttiva**, li fir-rigward tagħha r-rapport preparatorju għas-seduta jagħti indikazzjonijiet dwar it-tul ta' żmien tagħha (normalment **20 minuta**). Dan iż-żmien ma jinkludix iż-żmien użat sabiex jitwieġbu l-mistoqsijiet magħmula mill-Imħallfin jew sabiex issir replika għas-sottomissjonijiet orali tal-parti avversarja.

62. Peress li l-awli huma mgħammra b'sistema awtomatika ta' mikrofoni, kull persuna li titkellem hija mitluba tagħfas il-buttuna tal-**mikrofonu** qabel ma tibda titkellem. Għandu jiġi evitat li tingħafas il-buttuna waqt li Mħallef jew persuna oħra jkunu qegħdin jitkellmu, sabiex ma jintfilhomx il-mikrofonu. Ir-rappreżentanti tal-partijiet huma mitluba wkoll, meta **jiċċitaw** sentenza ta' qorti, jindikaw in-numru tal-kawża ċċitata, l-isem tal-partijiet u d-data tas-sentenza jew tad-digriet.

63. Qiegħed jiġi mfakkar li l-produzzjoni ta' **dokumenti** quddiem it-Tribunal għandha ssir fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub. Huwa biss f'ċirkustanzi verament eċċezzjonali li t-Tribunal jista' jaċċetta dokumenti prodotti fis-seduta. L-istess regola tapplika għal kull offerta ta' prova magħmula fis-seduta. Jekk ikun il-każ, tajjeb li wieħed iġib miegħu numru biżżejjed ta' kopji.

D. **Karatteristiċi partikolari tal-interpretazzjoni simultanja**

64. Fil-kawżi li jeħtieġu interpretazzjoni simultanja, ir-rappreżentanti tal-partijiet qegħdin jiġu mfakkra li huwa ġeneralment ippreferut li huma **jitkellmu liberament** fuq il-bażi ta' noti minflok jaqraw test. Bl-istess mod, serje ta' sentenzi qosra huma ppreferuti minn argument twil u kkumplikat.

65. Madankollu, jekk is-sottomissjoni orali tiġi ppreparata **bil-miktub**, huwa rrakkomandat li, fir-redazzjoni tat-test, jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li dan għandu jiġi ppreżentat oralment u għandu għalhekk ikun jixbah kemm jista' jkun preżentazzjoni orali.

66. Sabiex tiġi ffaċilitata l-**interpretazzjoni**, ir-rappreżentanti tal-partijiet huma mistiedna jipprovdu minn qabel it-test eventwali jew forma miktuba tas-sottomissjonijiet orali tagħhom, tan-noti tagħhom jew kull kitba oħra, lid-dipartiment ta' interpretazzjoni, sabiex l-interpreti jkunu jistgħu jinkluduhom fl-istudju minn qabel tagħhom tal-inkartament (Diviżjoni tal-interpretazzjoni, numru tal-faks + 352 4303-3697, posta elettronika: interpret@curia.europa.eu). Dan it-test naturalment ma jingħatax lill-partijiet l-oħra u lanqas lill-Imħallfin li jiffurmaw parti mill-kulleġġ ġudikanti.

E. **Ftehim bonarju**

67. Fuq talba tar-rappreżentanti tal-partijiet jew fuq inizjattiva tiegħu stess, it-Tribunal jista' jiddikjara s-**sospensjoni** tas-seduta għal perijodu qasir meta r-rappreżentanti tal-partijiet jkunu jixtiequ jiddiskutu proposta ta' ftehim bonarju mal-klijenti tagħhom jew mar-rappreżentant tal-parti avversarja, jekk ikun il-każ, fil-preżenza ta' wieħed jew iktar mill-Imħallfin. Jekk tkun mixtieqa diskussjoni *in camera*, tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni sala partikolari. Għal kull talba f'dan ir-rigward, wieħed għandu jikkuntattja lir-Reġistratur jew lill-Marixxal inkarigat għas-seduta.

F. **Għeluq tas-seduta**

68. Il-president tal-kulleġġ ġudikanti għandu jiddikjara t-tmiem tas-seduta. Il-partijiet sussegwentement jirċievu **proċess verbali** qasir tagħha. Bl-istess mod, huma jiġu informati bil-miktub dwar il-pass li jmiss fil-proċedura, b'mod partikolari dwar id-data tal-għoti tas-sentenza.

V. DĦUL FIS-SEĦĦ TA' DAWN L-ISTRUZZJONIJIET

69. Dawn l-Istruzzjonijiet prattiċi għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

70. Dawn l-Istruzzjonijiet iħassru u jissostitwixxu l-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet tal-25 ta' Jannar 2008 (ĠU L 69, p. 13).

71. Barra minn hekk, sabiex jgħin lill-partijiet f'dak li għandhom jagħmlu, ir-Reġistru tat-Tribunal għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom diversi "Check lists" u "Mudelli" fuq is-sit www.curia.europa.eu.

Magħmula fil-Lussemburgu, il-11 ta' Lulju 2012.

Ir-Reġistratur
W. HAKENBERG

Il-President
S. VAN RAEPENBUSCH

ANNESS

GWIDA GĦAL MIN JAGĦMEL TALBA GĦAL GĦAJNUNA LEGALI U FORMOLA OBBLIGATORJA

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU
TAL-UNJONI EWROPEA

TALBA GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

GWIDA GĦAL MIN JAGĦMEL IT-TALBA U FORMOLA OBBLIGATORJA

I. GWIDA GĦAL MIN JAGĦMEL IT-TALBA GĦAL GĦAJNUNA LEGALI [1]

A. **Il-kuntest ġuridiku**

1. *Il-kompetenza tat-Tribunal*

Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati quddiem it-Tribunal

Qed tingħibed l-attenzjoni ta' min jagħmel it-talba għal għajnuna legali għad-dispożizzjonijiet:

— tal-Artikolu 270 TFUE, applikabbli għat-Trattat KEEA bis-saħħa tal-Artikolu 106a tiegħu, kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dwar il-kompetenza tat-Tribunal;

— tal-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jippreċiżaw ċerti kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati quddiem it-Tribunal.

2. *Il-kuntest ġuridiku fil-qasam tal-għajnuna legali*

Id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna legali jinsabu fir-Regoli tal-Proċedura.

Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta b'mod partikolari dan li ġej:

a. Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna legali

— Kull persuna fiżika li, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha, ma tistax, totalment jew parzjalment, tkopri l-ispejjeż marbuta mal-assistenza u mar-rappreżentanza fil-qorti quddiem it-Tribunal għandha d-dritt li tibbenefika mill-għajnuna legali [l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(2) tar-Regoli tal-Proċedura].

— Is-sitwazzjoni ekonomika għandha tiġi evalwata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi oġġettivi bħad-dħul, il-kapital u s-sitwazzjoni familjari [it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(2) tar-Regoli tal-Proċedura].

— Flimkien mat-talba għal għajnuna legali għandu jkun hemm l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn kollha li permezz tagħhom tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika ta' min jagħmel it-talba, bħal ċertifikat mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jagħti prova ta' din is-sitwazzjoni ekonomika [l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 96(2) tar-Regoli tal-Proċedura].

— L-għajnuna legali tista' tintalab qabel jew wara l-preżentata ta' rikors. Ma huwiex meħtieġ li t-talba ssir permezz ta' avukat [Artikolu 96(1) tar-Regoli tal-Proċedura].

— Jekk it-talba titressaq qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors, min jagħmel it-talba għandu jesponi, fil-qosor, is-suġġett tar-rikors li jkollu l-intenzjoni jippreżenta, il-fatti tal-kawża u l-argumenti insostenn tar-rikors. Mat-talba għandu jkun hemm dokumenti ta' sostenn f'dan ir-rigward [it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 96(2) tar-Regoli tal-Proċedura].

— L-għajnuna legali għandha tiġi miċħuda jekk l-azzjoni li għaliha tintalab tidher manifestament inammissibbli jew manifestament infondata [Artikolu 95(3) tar-Regoli tal-Proċedura].

[1] Din il-gwida tifforma parti integrali mill-formola ta' talba għal għajnuna legali. L-informazzjoni f'din il-gwida toħroġ mir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal u mill-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet.

— Jekk il-kundizzjonijiet li wasslu sabiex tingħata l-għajnuna legali jinbidlu matul il-kawża, il-President jista' jirrevoka dan il-benefiċċju, kemm *ex officio* kif ukoll fuq talba, wara li tinstema' l-parti kkonċernata [Artikolu 97(5) tar-Regoli tal-Proċedura].

— It-Tribunal jista' jipprevedi, skont l-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura, li l-użu ta' formola huwa obbligatorju sabiex titressaq talba għal għajnuna legali [Artikolu 96(3) tar-Regoli tal-Proċedura]. It-Tribunal għamel użu minn din il-possibbiltà fl-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet.

b. Il-proċedura

— Jekk il-parti kkonċernata ma tkunx ipproponiet avukat hija stess jew jekk ma jkunx hemm lok li tiġi kkonfermata l-għażla tagħha, ir-Reġistratur għandu jibgħat kopja tad-digriet li jawtorizza l-għajnuna legali u kopja tat-talba lill-awtorità kompetenti tal-Istat ikkonċernat imsemmija fl-Anness II tar-Regoli Addizzjonali għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-avukat inkarigat li jirrappreżenta lil min ikun għamel it-talba għandu jiġi nnominat fid-dawl tal-proposti trażmessi minn din l-awtorità [it-tieni subparagrafu ta' Artikolu 97(3) tar-Regoli tal-Proċedura].

— It-tressiq ta' talba għal għajnuna legali jissospendi t-terminu previst għall-preżentata tar-rikors sad-data tan-notifika tad-digriet li jiddeċiedi dwar din it-talba jew, meta f'dan id-digriet ma jkunx innominat avukat sabiex jirrappreżenta lill-parti kkonċernata, sad-data tan-notifika tad-digriet li jinnomina avukat sabiex jirrappreżenta lil min ikun għamel it-talba [Artikolu 97(4) tar-Regoli tal-Proċedura].

c. Għajnuna legali parzjali

Id-digriet li jawtorizza l-għajnuna legali jista' jistabbilixxi somma li tingħata lill-avukat inkarigat sabiex jirrappreżenta lill-parti kkonċernata, jew jista' jistabbilixxi limitu massimu li, bħala prinċipju, ma jkunx jista' jinqabeż mill-ispejjeż u mill-onorarju tal-avukat. Id-digriet jista' jipprevedi kontribuzzjoni mill-parti kkonċernata għall-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 95(1) tar-Regoli tal-Proċedura, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika tagħha [it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 97(3) tar-Regoli tal-Proċedura].

d. Responsabbiltà għall-ispejjeż

— Meta, bis-saħħa tad-deċiżjoni li taqta' l-kawża, il-parti li bbenefikat mill-għajnuna legali tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tagħha, il-President għandu jistabbilixxi l-ispejjeż u l-onorarji tal-avukat li għandhom jitħallsu mill-kaxxier tat-Tribunal permezz ta' digriet motivat li ma jistax jiġi kkontestat [Artikolu 98(2) tar-Regoli tal-Proċedura].

— Meta, fid-deċiżjoni li taqta' l-kawża, it-Tribunal jikkundanna parti oħra tbati l-ispejjeż tal-parti li bbenefikat mill-għajnuna legali, din il-parti l-oħra tkun marbuta tħallas lura lill-kaxxier tat-Tribunal dawk l-ammonti li tħallsu bħala għajnuna [Artikolu 98(3) tar-Regoli tal-Proċedura].

— Meta l-parti li tibbenefika mill-għajnuna legali titlef, it-Tribunal jista', jekk dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż fid-deċiżjoni li taqta' l-kawża, jordna li waħda jew iktar mill-partijiet l-oħra jbatu l-ispejjeż tagħhom jew li l-ispejjeż kollha jew parti minnhom jitħallsu mill-kaxxier tat-Tribunal bħala għajnuna legali [Artikolu 98(4) tar-Regoli tal-Proċedura].

B. **Modalitajiet tat-tressiq tat-talba għal għajnuna legali**

Skont il-punt 47 tal-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, l-użu ta' din il-formola huwa obbligatorju sabiex titressaq talba għal għajnuna legali. Talba għal għajnuna legali mressqa b'mezz ieħor u mhux bil-formola ma tittieħidx inkunsiderazzjoni.

Kif indikat fil-punt 49 tal-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, it-talba għal għajnuna legali tista' titressaq permezz tal-applikazzjoni e-Curia biss mill-avukat li jkun qiegħed jirrappreżenta lill-parti li titlob l-għajnuna legali.

Fil-każ li tintbagħat fil-forma ta' dokument stampat, it-trażmissjoni tal-oriġinal tista' ssir wara t-trażmissjoni permezz ta' faks. F'dan il-każ, id-data tat-trażmissjoni tal-faks tittieħed inkunsiderazzjoni għas-sospensjoni tat-terminu għall-preżentata ta' rikors, bil-kundizzjoni li l-oriġinal jasal għand it-Tribunal fi żmien għaxart ijiem mit-trażmissjoni tal-faks.

L-oriġinal tat-talba għal għajnuna legali għandu jiġi ffirmat minn min jagħmel it-talba stess jew mill-avukat tiegħu. Fin-nuqqas ta' dan, it-talba ma tittieħidx inkunsiderazzjoni u d-dokument jerġa' jintbagħat lura. Madankollu, fil-każ li t-talba titressaq permezz tal-applikazzjoni e-Curia mill-avukat ta' min jagħmel it-talba, il-firma tal-avukat ma tkunx meħtieġa.

Jekk it-talba għal għajnuna legali titressaq mill-avukat ta' min jagħmel it-talba qabel il-preżentata tar-rikors, din it-talba għandu jkollha magħha d-dokumenti li jiċċertifikaw li l-avukat huwa awtorizzat li jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim ŻEE.

C. **Konsegwenza tat-tressiq regolari ta' talba għal għajnuna legali qabel il-preżentata tar-rikors**

Il-talba għal għajnuna legali mressqa b'mod regolari qabel il-preżentata tar-rikors tissospendi t-terminu previst għall-preżentata ta' dan ir-rikors sad-data tan-notifika tad-digriet li jiddeċiedi dwar it-talba jew tad-digriet li jinnomina avukat sabiex jirrappreżenta lil min ikun għamel it-talba. Għaldaqstant, it-terminu għall-preżentata tar-rikors ma jiddekorrix matul il-perijodu tal-eżami tat-talba għal għajnuna legali mit-Tribunal. Ikun prudenti jekk din it-talba titressaq kmieni sabiex jiġi evitat li t-terminu li jkun fadal għall-preżentata tar-rikors ma jkunx qasir wisq.

D. **Kontenut tat-talba għal għajnuna legali u dokumenti ta' sostenn**

1. *Sitwazzjoni ekonomika ta' min jagħmel it-talba*

It-talba għandu jkollha magħha l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn kollha li jippermettu li tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika ta' min jagħmel it-talba, bħal ċertifikat ta' awtorità nazzjonali kompetenti li jagħti prova ta' din is-sitwazzjoni ekonomika.

Dawn id-dokumenti jistgħu jkunu, pereżempju:

— ċertifikati minn uffiċċju ta' għajnuna soċjali jew tal-assigrazzjoni kontra l-qgħad;

— dikjarazzjonijiet tad-dħul jew avviż ta' taxxa;

— dikjarazzjonijiet tal-paga;

— estratti ta' rendikonti bankarji.

Dikjarazzjonijiet ġuramentati mimlija u ffirmati minn min jagħmel it-talba stess ma humiex prova suffiċjenti tal-inkapaċità totali jew parzjali li wieħed ikopri l-ispejjeż tal-kawża.

L-informazzjoni mogħtija fil-formola dwar is-sitwazzjoni ekonomika ta' min jagħmel it-talba u d-dokumenti ta' sostenn ippreżentati insostenn ta' din l-informazzjoni għandhom l-għan li jagħtu stampa kompleta tas-sitwazzjoni ekonomika tiegħu.

Qed tingħibed l-attenzjoni ta' min jagħmel it-talba għall-fatt li huwa ma għandux jagħti biss lit-Tribunal informazzjoni dwar ir-riżorsi tiegħu, iżda għandu jagħtih ukoll informazzjoni li tippermettilu jevalwa l-kapital li huwa għandu.

Talba li ma tiġġustifikax b'mod suffiċjenti skont il-liġi l-inkapaċità ta' min jagħmel it-talba li jkopri l-ispejjeż tal-kawża tiġi miċħuda.

Min jagħmel it-talba huwa obbligat jinforma lit-Tribunal minnufih b'kull bidla fis-sitwazzjoni ekonomika tiegħu li tista' tiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 97(5) tar-Regoli tal-Proċedura, li jgħid li jekk il-kundizzjonijiet li wasslu għall-għoti tal-għajnuna legali jinbidlu fil-mori tal-kawża, il-President jista' jwaqqaf l-għajnuna, kemm *ex officio*, kif ukoll fuq talba, wara li tinstema' l-parti kkonċernata.

2. *Suġġett tar-rikors ippjanat, fatti tal-kawża u l-argumenti insostenn tar-rikors*

Jekk it-talba għal għajnuna legali titressaq qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors, min jagħmel it-talba għandu jispjega fil-qosor is-suġġett tar-rikors tiegħu, il-fatti tal-kawża u l-argumenti li huwa jkun ser iressaq insostenn tar-rikors tiegħu. Fil-formola hija prevista taqsima għal dan il-għan.

Għandha tiġi annessa kopja ta' kull dokument ta' sostenn rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-fondatezza tar-rikors li jkun ser jiġi ppreżentat. Dan jista' jkun, pereżempju:

— jekk ikun il-każ, l-att li min jagħmel it-talba jkollu l-intenzjoni jitlob l-annullament tiegħu;

— jekk ikun il-każ, l-ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u d-deċiżjoni li tagħti risposta għall-ilment b'indikazzjoni tad-dati tat-tressiq tal-ilment u tan-notifika tad-deċiżjoni;

— jekk ikun il-każ, it-talba skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u d-deċiżjoni li tagħti risposta għall-imsemmija talba b'indikazzjoni tad-dati tat-tressiq tat-talba u tan-notifika tad-deċiżjoni;

— il-korrispondenza li tkun saret mal-eventwali konvenut.

3. *Dettalji oħra utli*

L-ebda oriġinal ma jingħata lura. Huwa b'hekk irrakkomandat li min jagħmel it-talba jipprovdi kopji tad-dokumenti ta' sostenn.

Talba ma tistax tiġi kkompletata permezz tal-preżentata ta' *addenda* ulterjuri. *Addenda* bħal dawn jiġu rritornati jekk jiġu ppreżentati mingħajr ma jkunu ntalbu mit-Tribunal. Huwa b'hekk essenzjali li tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-formola u li tiġi annessa kopja ta' kull dokument li huwa prova ta' din l-informazzjoni. F'każijiet eċċezzjonali, dokumenti li huma prova tal-inkapaċità totali jew parzjali li wieħed ikopri l-ispejjeż tal-kawża jistgħu madankollu jiġu aċċettati iktar tard, permezz ta' ġustifikazzjoni tad-dewmien fil-preżentata tagħhom.

Jekk l-ispazju disponibbli f'taqsima tal-formola ma jkunx suffiċjenti, l-imsemmija taqsima tista' tiġi kkompletata fuq karta separata annessa mat-talba.

II. FORMOLA TAT-TALBA GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

TALBA GĦAL GĦAJNUNA LEGALI

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

MIN JAGĦMEL IT-TALBA

Sinjura ☐	Sur ☐	
Kunjom (tat-twelid):		
Eventwalment, kunjom ta' miżżewweġ (miżżewġa):		
Isem:		
Data tat-twelid (jj / xx / ssss): ...../...../.....		
Post tat-twelid:		
Indirizz:		
Kodiċi postali:	Lokalità:	
Pajjiż:		
Telefon (mhux obbligatorju):		
Faks (mhux obbligatorju):		
Indirizz tal-posta elettronika (mhux obbligatorju):		
Professjoni jew sitwazzjoni attwali:		

RIKORS PREVIST

Jekk din it-talba preżenti għal għajnuna legali qed titressaq qabel il-preżentata ta' rikors, indika l-isem tal-parti li kontriha għandek l-intenzjoni tippreżenta l-imsemmi rikors:

Iddeskrivi s-suġġett tar-rikors li tixtieq tippreżenta, il-fatti tal-kawża u l-argumenti insostenn tal-imsemmi rikors:

SITWAZZJONI EKONOMIKA TA' MIN JAGĦMEL IT-TALBA

A. RIŻORSI

— Ir-riżorsi li huma kkunsidrati huma dawk li inti ddikjarajt lill-awtoritajiet nazzjonali għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena li għaddiet (jew għall-perijodu li għalih inti legalment obbligat tiddikjara r-riżorsi tiegħek) (Tabella Nru 1).

— Jekk is-sitwazzjoni finanzjarja nbidlet b'mod kunsiderevoli mis-sena li għaddiet, għandek tippreċiża wkoll ir-riżorsi tiegħek għall-perjodu mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena (jew mill-bidu tal-perijodu taxxabbli attwali) sad-data tat-talba tiegħek (Tabella Nru 2).

1. **Tabella Nru 1: riżorsi tal-perijodu ta' referenza**

		Ir-riżorsi tiegħek	Ir-riżorsi tal-konjuġi jew tas-sieħeb/ sieħba tiegħek	Ir-riżorsi ta' kull persuna oħra li normalment tgħix fid-dar (wild jew persuna dipendenti). Ippreċiża: .....
a.	**Ebda dħul**	☐ ***	☐	☐
b.	**Pagi, salarji netti taxxabbli** (li jidhru fuq id-dikjarazzjonijiet tas-salarju)			
c.	**Dħul mhux minn salarju** (dħul agrikolu, industrijali jew kummerċjali, jew mhux kummerċjali)			
d.	**Allowances tal-familja**			
e.	**Allowances tal-qgħad**			
f.	**Allowances ta' kuljum** (mard, maternità, marda kkaġunata mix-xogħol, inċident fuq il-post tax-xogħol)			
g.	**Pensjonijiet, pensjonijiet tal-irtirar, pensjonijiet oħra u pensjonijiet ta' rtirar kmieni**			
h.	**Manteniment** (ammont effettivament imħallas lilek)			
i.	**Riżorsi oħra** (eż.: kirjiet imħallsa lilek, dħul minn kapital, dħul minn titoli, ...)			

***: Jekk din il-kaxxa hija mmarkata, spjega hawn taħt kif tħallas għall-bżonnijiet tiegħek:

2. **Tabella Nru 2: riżorsi tal-perijodu taxxabbli attwali**

		Ir-riżorsi tiegħek	Ir-riżorsi tal-konjuġi jew tas-sieħeb/ sieħba tiegħek	Ir-riżorsi ta' kull persuna oħra li normalment tgħix fid-dar (wild jew persuna dipendenti). Ippreċiża: .....
a.	**Ebda dħul**	☐ ***	☐	☐
b.	**Pagi, salarji netti taxxabbli** (li jidhru fuq id-dikjarazzjonijiet tas-salarju)			
c.	**Dħul mhux minn salarju** (dħul agrikolu, industrijali jew kummerċjali, jew mhux kummerċjali)			
d.	**Allowances tal-familja**			
e.	**Allowances tal-qgħad**			
f.	**Allowances ta' kuljum** (mard, maternità, marda kkaġunata mix-xogħol, inċident fuq il-post tax-xogħol)			
g.	**Pensjonijiet, pensjonijiet tal-irtirar, pensjonijiet oħra u pensjonijiet ta' rtirar kmieni**			
h.	**Manteniment** (ammont effettivament imħallas lilek)			
i.	**Riżorsi oħra** (eż.: kirjiet imħallsa lilek, dħul minn kapital, dħul minn titoli, ...)			

***: Jekk din il-kaxxa hija mmarkata, spjega hawn taħt kif tħallas għall-bżonnijiet tiegħek:

B. KAPITAL

Indika t-tip u l-valur tal-proprjetà mobbli (ishma, bonds, kapital, eċċ.) u l-indirizz u l-valur tal-proprjetà immobbli (djar, artijiet, eċċ.) li inti għandek anki jekk ma jrendux dħul:

C. SPEJJEŻ

Imla t-tabella segwenti dwar il-persuni dipendenti fuqek jew li normalment jgħixu miegħek (eż.: tfal):

Kunjom(ijiet) u ismijiet	Relazzjoni (eż.: tifel, neputi, omm)	Data tat-twelid (jj / xx / ssss)
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....
.....	.....	...../...../.....

Indika l-ammont tal-manteniment li inti tħallas lil terzi:

Indika l-ammont tal-kera fir-rigward tar-residenza prinċipali tiegħek, jew l-ammonti li tħallas lura lil banek fir-rigward ta' self għax-xiri tar-residenza prinċipali tiegħek:

D. VARJI

Fit-taqsima segwenti, tista' tagħti informazzjoni ulterjuri dwar is-sitwazzjoni tiegħek, kemm fir-rigward tar-riżorsi, kemm għall-ispejjeż tiegħek (eż: l-ammonti li tħallas lura lil banek għal self ieħor li ma huwiex għax-xiri tar-residenza prinċipali tiegħek, eċċ.):

PROPOSTA TA' AVUKAT

Għandek il-possibbiltà li tipproponi lit-Tribunal l-isem ta' avukat sabiex jirrappreżentak, billi timla t-taqsima segwenti.

Jekk ma timlix it-taqsima segwenti, it-Tribunal japplika t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 97(3) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, li jgħid li l-avukat inkarigat li jirrappreżenta l-parti li tagħmel it-talba għandu jiġi nnominat fid-dawl tal-proposti trażmessi mill-awtorità kompetenti tal-Istat ikkonċernat imsemmija fl-Anness II tar-Regoli Addizzjonali għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Avukat:	
Indirizz:	
Kodiċi postali:	Lokalità: .....
Pajjiż:	
Telefon:	
Faks (mhux obbligatorju):	
Indirizz tal-posta elettronika (mhux obbligatorju):	

DIKJARAZZJONI

Jien hawn taħt iffirmat niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din it-talba għal għajnuna legali hija eżatta u kompleta:

Data : ...../...../.....	Firma ta' min jagħmel it-talba jew tal-avukat tiegħu:

LISTA TAD-DOKUMENTI TA' SOSTENN

Dokumenti ta' sostenn li jippermettu li tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika tiegħek:

— .....
— .....
— .....

Jekk ir-rikors għadu ma ġiex ippreżentat, dokumenti ta' sostenn rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-fondatezza tar-rikors previst:

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....

— .....